**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ - Test**

**Modulu: Intraprenditorija soċjali**

**1. X'inhi l-karatteristika fundamentali tal-intraprenditorija soċjali?**

a) Hija mwettqa minn persuni f'riskju t'esklużjoni

b) Hija impriża mmexxija mis-servizzi pubbliċi

c) Hija impriża bil-mira li tidentifika u ssolvi problema soċjali

d) Hija impriża ssusidjata mill-istat

Tweġiba: c)

**2. X'inhu l-irwol ekonomiku tal-intraprenditorija soċjali fis-soċjetà?**

a) L-intraprenditorija soċjali tammonta għal 10% tal-ekonomija Ewropea

b) L-intraprenditorija soċjali mhijiex meqjusa bħala parti mill-ekonomija għax timmira lejn il-ġid soċjali

c). L-intraprenditorija soċjali trid tiġi mwettqa mill-Istat

d) L-intraprenditorija soċjali tirrappreżenta 45% tal-ekonomija Ewropea

Tweġiba: a)

**3. Liema minn dawn id-dikjarazzjonijiet huma veri?**

a) It-terminu intraprenditorija soċjali ġie vvintat f'dan is-seklu

b) William Drayton huwa meqjus bħala l-missier tal-intraprenditorija soċjali

c) Ashoka hija organizzazzjoni li tirrappreżenta aktar minn 3,000 inizjattiva fl-intraprenditorija soċjali

d) Il-Professur Yunus żviluppa t-terminu mikrokreditu fl-Indja

Tweġibiet: b), c) u d)

**4. X'passi għandhom jittieħdu biex jiġu identifikati problemi soċjali?**

a) Li wieħed jifhem il-popolazzjoni affettwata

b) Li wieħed jifhem il-kawżi (tal-problemi soċjali)



+39 393 867 9882 @youthies_project Youthies YouthIES Project projectyouthies@gmail.com

c) Li wieħed jistabbilixxi strateġiji kollaborattivi

d) Dawn t'hawn fuq kollha

Tweġiba: d)

**5. Fil-proċess tal-innovazzjoni, x'jinftiehmu bħala ideat derivati?**

a) Innovazzjoni derivata mill-analiżi tal-problema soċjali

b) Innovazzjoni derivata minn problema koperta minn servizz pubbliku

c) Innovazzjoni li ttejjeb idea eżistenti

d) Innovazzjoni li ġejja minn amalgamazzjoni ta' ideat

Tweġiba: c)

**6. Il-mudell finanzjarju tal-intraprenditorija soċjali:**

a) Jista' jkun 100% privat

b) Dmir pubbliku-privat

c) Jista' jkun 100% pubbliku

d) Dawn t'hawn fuq kollha humma korretti

Tweġiba: d)

**7. Id-dilemma tal-impatt fl-intraprenditorija soċjali:**

a) Hija faċli li tikkalkula

b) Għandha jkollha biss impatti pożittivi minkejja l-eżiti ekonomiċi

c) Hija indipendenti mill-etika tan-negozju tal-fornituri

d) L-ebda minn dawn t'hawn fuq m'huma korretti

Tweġiba: d)

**8. Fir-rigward tal-bilanċ bejn il-prestazzjoni ekonomika u l-impatt soċjali:**

a) Għandha tkun stipulata fil-viżjoni u l-missjoni tal-kumpanija

b) Taffettwa kull qasam tal-kumpanija

c) Għandha tkun eżattament 50-50

d) Għandha tkun trasparenti għall-membri kollha tal-organizzazzjoni

Tweġiba: a), b) u d)

**9. Fir-rigward tal-qafas legali għall-intraprenditorija soċjali:**

a) Intrapriżi soċjali mhumiex eliġibbli għal benefiċċji tat-taxxa

b) Huma eżentati minn verifiki tat-taxxa

c) Mhumiex eliġibbli għal fondi pubbliċi

d) L-ebda minn dawn t'hawn fuq m'huma korretti

Tweġiba: d)

**10. Fir-rigward tat-tim ta' intrapriża soċjali:**

a) Dawn normalment huma responsabbli u impenjati

b) Għandhom għanijiet ta' tkabbir ekonomiku

c) Huma jippromwovu l-assoċjazzjoniżmu

d) L-ebda minn dawn t'hawn fuq m'huma korretti

Tweġiba: a), b) u c)